30 ta' Mejju, 1955

Imħallfin :

Is-S.T.O. Sir L. A. Camilleri, Kt., LL.D., *President*;
Onor. Dr. A. J. Montanaro Gauci, C.B.E., LL.D.;
Chev. Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Salvatore Cilia *versus* Gaetana Cilia

**Beni Dotali — Beni Parafernali — Komunjoni tal-Akkwisti — Amministrazzjoni — Mara — Separazzjoni Personali — Trattazzjoni Kontestwali — Appell — Art. 1303, 1332(1), 1282(1), 1362(2), u 1375 tal-Kodiċi Ċivili.**

*Matul iż-żwieġ ir-raġel biss hu l-amministratur tal-beni dotali, salvi dispożizzjonijiet oħra tal-liġi; u l-amministrazzjoni ta' l-akkwisti konjugali tmiss ukoll lir-raġel, li quddiem it-terzi jista' jagħmel minnhom daqs li kieku kienu ħwejġu. U kwalunkwe ftehim kuntrarju għal dan il-poter, mogħti lir-raġel bħala kap tal-familja, huwa null u mingħajr effett.*

*Sakemm ma hemmx ix-xoljiment tax-xirka tal-ksib, u lanqas it-telfa tad-dritt tal-pussess tad-dota, ir-raġel għandu dritt għall-pussess u għall-amministrazzjoni ta' l-oġġetti sew dotali kemm tax-xirka tal-ksib, kif ukoll tal-beni parafernali; b'mod illi r-raġel li jsofri spoll fil-pussess ta' dawn l-oġġetti, għandu dritt li jiġi reintegrat f'dak il-pussess, mingħajr preġudizzju għall-konsegwenzi ġuridiċi li jista' jkollha separazzjoni legali personali fl-effetti tagħha fuq il-ġid tal-mara.*

*Għaldaqstant il-mara li titlaq mid-dar konjugali u tieħu magħha minn dawn l-oġġetti, hija obligata trodđhom lill-żewġha, anki jekk hija tibda kawża ta' separazzjoni personali kontra tiegħu; u dan anki jekk hija tkun ħadet dawk l-oġġetti bil-kunsens tiegħu.*

*It-trattazzjoni kontestwali hija fakoltattiva għall-Qorti ta' l-Ewwel Istanza, għax hija bażata fuq raġuni ta' espedjenza skond id-diskrezzjoni ta' dik il-Qorti. F'tiema diskrezzjoni l-Qorti ta' l-Appell, bħala regola, ma tindaħalx, meta ma jirriżultalhiex preġudizzju gravi u inġustizzja manifesta għal xi waħda mill-partijiet.*

Il-Qorti:—Rat iċ-ċitazzjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili li biha l-attur, premessa kwalunkwe dikjaraz-

zjoni neċessarja u mogħti kull provvediment opportun, peress illi l-konvenuta, arbitrarjament u mingħajr ebda dritt, abbandunat u ħalliet id-dar konjugali Bormla, u ħadet magħha oġġetti u effetti mobili li huma in parti dotali u in parti komunjoni tal-akkwisti; talab li l-konvenuta tiġi kundannata minn dina l-Onorabbli Qorti li, fi żmien qasir u perentorju li jogħġobha tiffissa, tirrestitwixxi u tirritorna l-oġġetti u effetti mobili li hija ġarret kif fuq imsemmi, riżultanti mill-anness lista dok. A, u oħrajn li jistgħu jirriżultaw tul ittrattazzjoni tal-kawża, fid-dar konjugali tagħhom minn fejn hija kienet ħadithom; u in difett l-attur jiġi awtorizzat juża l-mezzi kollha lilu mogħtija mill-liġi sabiex jieħu taħt il-kura tiegħu u fil-poter tiegħu l-imsemmijin oġġetti u effetti mobili; bl-ispejjeż, komprizi dawk tal-ittra uffiċjali tat-12 ta' Ġunju, 1954, u dawk tal-mandat ta' qbid tat-22 ta' Lulju, 1954;

*Omissis;*

Rat is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tas-27 ta' Jannar, 1955, li biha ġew milqugħa t-talbiet tal-attur, u ġie mogħti lill-konvenuta tmien tijiem żmien biex tirrestitwixxi lill-attur l-oġġetti kollha mitluba, u jekk jonqos, l-attur ġie awtorizzat jieħu l-passi kollha meħtieġa biex jerġa jidħol fil-pussess ta' dawk l-oġġetti; bl-ispejjeż; billi dik il-Qorti kkunsidrat;

Illi l-attur qiegħed jirreklama minn għand il-konvenuta restituzzjoni tal-oġġetti li hija ħadet magħha mid-dar konjugali, u li jinsabu deskritti fil-lista eżibita fol. 4 tal-proċess; liema oġġetti, skond id-dikjarazzjoni tal-attur (fol.3), huma in parti dotali u in parti ko-akkwisti konjugali. Il-konvenuta, minn naħa tagħha, ma kkontestatx dina l-allegazzjoni, iżda tippretendi li għandha tibqa' żżomm dawk l-oġġetti, bħala effetti personali tagħha, in vista tal-proċeduri għas-separazzjoni personali minnha istitwiti kontra l-attur żewġha;

Illi, skond l-art. 1303 (Kod. Ċiv.), ir-raġel biss, matul iż-żwieġ, hu l-amministratur tal-beni dotali, salvi dispożizzjonijiet oħra tal-liġi, jiġifieri dawk relativi għas-separazzjoni personali u għas-separazzjoni tal-beni; u skond l-art. 1362 (1) ta' l-istess Kodiċi l-amministrazzjoni ta' l-akkwisti konjugali

tmiss lir-raġel, illi, quddiem it-terzi, jista' jagħmel minnhom daqs li kieku kienu ħwejġu. Kwalunkwe ftehim kuntrarju għal dana l-poter, mogħti lir-raġel bħala kap tal-familja, huwa mill-liġi dikjarat null u mingħajr effett (art. 1282(1) u 1362 (2) Kodiċi ċitat);

Illi, sakemm ir-raġel ma jiġix b'deċiżjoni ġudizzjarja irrevokabbli privat mill-poter tiegħu bħala kap tal-familja, dawn il-poteri għandhom jibqgħu jseħħu, molto più li dawn, aktar minn drittijiet, jikkostitwixxu għalih doveri veri u proprji; u konsegwentement is-sempliċi pendenza ta' kawża għas-separazzjoni personali kontra tiegħu istitwita ma tistax tnaqqaslu l-poteri fuq imsemmija (ara f'dan is-sens Koll.ez. XXVII-III-368);

Illi jirriżulta, "ex admissis", illi ż-żwieġ tal-kontendenti sar f'dawn il-Gżejjer, u sakemm ma ssirx prova oħra, għandu jiftiehem li ġieb miegħu l-komunjoni tal-akkwisti bejniethom (art. 1360 (1) Kod. Ċiv.); u fin-nuqqas ta' prova kuntrarja l-oġġetti in kwistjoni posseduti mill-kontendenti huma kunsidrati bħala akkwisti (art. 1366(1) Kod. ċit.);

Illi taħt dawn iċ-ċirkustanzi, sew jekk huma dotali (dak li ma ġiex pruvat), sew jekk huma parti mill-komunjoni tal-akkwisti (kif inhu preżunt mill-liġi), l-oġġetti reklamati jaqgħu taħt l-amministrazzjoni tal-attur, u, anki għal dan il-poter biss ta' amministratur, għandu d-dritt li dawk l-oġġetti jerġgħu jiġu f'idejh bħal ma kienu;

Illi huwa veru li f'kawża ta' separazzjoni personali l-mara tista' titlob li jiġu lilha assenjati xi oġġetti għall-użu tagħha personali; imma dana jista' jkun meritu tal-kawża l-oħra, apparti l-konsiderazzjoni li dawk l-oġġetti fil-maġġoranza tagħhom ma jidhrux li huma tali;

Rat in-nota tal-appell tal-konvenuta, li biha din appellat mis-sentenza fuq imsemmija tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tas-27 ta' Jannar 1955;

Rat il-petizzjoni tal-konvenuta, li biha dina talbet li s-sentenza appellata fuq imsemmija tiġi revokata, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

*Illi mill-provi rriżulta* li l-partijiet ma kienu għamlu ebda kitba taż-żwieġ, u bis-saħħa tal-liġi tnisslet bejniethom ix-xirka tal-ksib ta' matul iż-żwieġ. *Il-konvenuta* ġiebet magħha xi għamara u oġġetti, li fl-assenza ta' dikjarazzjoni kuntrarja jitqiesu ta' natura dotali (art. 1292 (2) Kod. Ċiv;

Skond il-liġi, sakemm ma hemmx ix-xoljiment tax-xirka tal-ksib, u lanqas it-telfa tad-dritt għall-pussess tad-dota, ir-raġel għandu d-dritt għall-pussess u għall-amministrazzjoni tal-oġġetti, sew *dotali kemm tax-xirka tal-ksib, kif* ukoll għall-pussess u amministrazzjoni tal-beni parafernali (art. 1303, 1362, 1375 Kodiċi Ċivili). *Għaldaqstant ir-raġel,* li jsofri *spoll fil-pussess* ta' dawk l-oġġetti, għandu dritt li jiġi reintegrat f'dak il-pussess mingħajr preġudizzju għall-konsegwenzi ġuridiċi li jista' jkollha *s-separazzjoni* legali personali fl-effetti tagħha fuq il-ġid tal-mara. Il-konvenuta tippretendi li hija ħadet l-oġġetti reklamati mill-attur bil-kunsens tiegħu, għax dana, *skond ma tgħid,* qalilha biex teħodhom. Iżda l-attur ċaħad li taha dak il-kunsens; u ċertament, anki li qallha dak il-kliem, b'daqshekk ma *giex irrinunzja* legalment għad-drittijiet maritali tiegħu li tagħtieħ il-liġi. U' tabilħaqq, għad-drittijiet maritali mhux permess li jirrinunzja l-għarus *qabel iż-żwieġ (art. 1282 (1) Kod. Ċivili);* u għalhekk, anki li qalilha teħodhom dawk l-oġġetti, huwa seta' jitlobhom lura. Biex il-konvenuta tissalvagwarda *l-interessi tagħha* hija kellha, mhux *ir-rimedju* li adottat meta għamlet ġustizzja f'idejha u ħadet l-oġġetti, iżda tissolleċita s-smiegħ tal-kawża tas-separazzjoni *u titlob l-effetti tas-separazzjoni* bix-xoljiment tax-xirka biex tkun tista' tieħu lwejjeġha, u titlob mandat ta' deskrizzjoni;

Ikkunsidrat;

*Illi l-appellanti lmentat li l-Ewwel Qorti* qatgħet il-kawża bla ma semgħet il-provi u għall-għarrieda. U tabilħaqq, mill-verbal tas-26 ta' Jannar, 1954, *fil-fol.* 8 tal-proċess, jidher li l-Ewwel Qorti kienet ħalliet il-kawża għad-deċiżjoni fuq it-talba tal-konvenuta għat-trattazzjoni kontestwali tal-kawża ma' l-oħra tas-separazzjoni *personali,* fil-waqt li fid-data li għa-

liha kienet ġiet imħollija l-kawża l-Qorti qatgħet anki l-meritu kollu tal-kawża. Evidentement il-Qorti deħrilha li kellha elementi biżżejjed biex fuqhom taqta' wkoll il-meritu, u ma kellhiex bżonn ta' provi iżjed minn dak li rriżultalha mill-verbal tas-27 ta' Jannar, 1955, reġistrat qabel ma nqgħatet is-sentenza, peress li l-kawża ġiet maqtugħa fuq konsiderazzjonijiet ta' punti ta' liġi. Iżda kien ikun aktar regolari li kieku l-Qorti, qabel is-sentenza, formalment iddispensat lill-partijiet mill-produzzjoni tal-provi, jew iddikjarat il-provi offerti bħala irrilevanti, sabiex tiġi evitata kull xorta ta' sorpriża, apparenti jew reali, tal-partijiet. B'dankollu, ma jidherx li l-appellanti fil-fatt sofriet preġudizzju; għax anki wara s-smiegħ tal-provi, il-konklużjoni ma tistax tkun differenti minn dik li għaliha waslet il-Qorti ta' l-Ewwel Istanza;

Ikkunsidrat;

Li lanqas ma hija ċensurabili s-sentenza appellata għarraġuni li l-Ewwel Qorti ma laqgħetx it-talba ta' l-appellanti għat-trattazzjoni kontestwali tal-kawża ma' l-oħra tas-separazzjoni personali. U tabilħaqq, it-trattazzjoni kontestwali hija fakoltativa għall-Ewwel Qorti, għax bażata fuq raġuni ta' espedjenza skond id-diskrezzjoni tal-Qorti, u f'dina d-diskrezzjoni l-Qorti ta' l-Appell, bħala regola, ma tindaħalx, meta ma jirriżultalhiex preġudizzju gravi u inġustizzja manifesta għal xi waħda mill-partijiet. Fil-każ tal-partijiet la kien hemm preġudizzju gravi u lanqas inġustizzja manifesta; għax il-meritu taż-żewġ kawżi huwa differenti, u d-deċiżjoni tal-waħda ma tistax tinfluwixxi fuq id-deċiżjoni ta' l-oħra. U tabilħaqq, sakemm hemm il-komunjoni tal-ksib ir-raġel iżomm id-dritt għall-pussess, u għalhekk id-dritt għar-restituzzjoni ta' l-oġġetti; u barra minn dana, għandu jiġi wkoll rilevat li fil-kawża tas-separazzjoni lanqas ma ġie mitlub ix-xoljiment tal-komunjoni tal-ksib;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjeż kontra l-appellanti; iżda tordna li t-terminu mogħti fis-sentenza appellata jibda jgħaddi mil-lum.